# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 552/2016**

**Apell Numru: 561/2016**

Il-Pulizija

vs

**Richard Frank Axiak**

detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 367695(M).

Illum, 7 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant / l-appellat Richard Frank Axiak quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-28 ta' Frar, 2016, għal ħabta tal-9.50hrs u fil-ġimgħat ta' qabel, ġewwa, Triq Guze Flores, Qormi b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat -

1. Għamel, ordna jew ġiegħel li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistgħu jitgħabbew passiġieri bil-qegħda jew l-arranġamenti tas-sedili tal-passiġieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta' xi vettura bil-mutur mingħajr l-approvazzjoni miktuba ta' l-Awtorita' (L.S. 65.11 artikolu 91 (1)(a)).

2. Bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorita gall-għanijiet ta' dan l-Att, taghrif li jkun taf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali (Kapitolu 368 artikolu 21(1)(a)(b)).

3. Mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita', żied in-numru tas-sedili fil-vettura, biddel jew wettaq xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni (Kapitolu 368 artikolu 21(1)(g)).

4. Bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew tajt avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorita' għall-għanijiet ta' dan l-Att, tagħrif li tkun taf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali (Kapitolu 368 artikolu 21(1)(o)).

5. Saq, ġiegħel jew ħalla l-imsemmija vettura u naqas li jinforma lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll naqas li jippreżenta lill-Awtorita' ċ-Ċertikikat ta' reġistrazzjoni biex isir it-tibdil meħtieġ fih (L.S. 368.02 artikolu 9).

6. Bħala sid tal-vettura bil-mutur, wettaq jew ippermetta lil xi persuna oħra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita' (Kapitolu 368 artikolu 10(1)).

7. Bħala persuna għamel, jew naqas milli jagħmel jew ippermetta li jsir jew li naqas milli jsir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas tat-taxxa ta' Reġistrazzjoni kontra l-liġi (Kapitolu 368 artikolu 21(1)(d).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, sabet lil Richard Frank Axiak ħati tal-ewwel (1), tieni (2), tielet (3), raba' (4) u sebgħa (7) imputazzjoni, filwaqt li l-liberatu mill-ħames (5) u sitt (6) imputazzjoni u kkundannatu għall multa komplessiva ta' €8006.88.

Rat ir-rikors tal-appellant Richard Frank Axiak ipprezentat fil-25 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fejn filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitux hati tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom, **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tas-seba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

a. **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi numru tnejn (2), erbgħa (4) u sebgħa (7) miġjuba kontrih filwaqt li lliberatu mill-akkużi numru wieħed (1), tlieta (3), ħamsa (5) u sitta (6) miġjuba kontra tiegħu,

b. Tgħaddi sabiex **tirrevokaha u tħassarha** f'dik il-parti fejn il-Qorti ma ordnatx l-konfiska tal-vettura u tipprosegwi sabiex tordna l-konfiska tal-vettura msemmija ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant Richard Frank Axiak u cioe':-

A. **Apprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-rigward tal-Ewwel, tat-Tieni, tat-Tielet, tar-Raba' u tas-Sebgha imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tas-sebgha imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi fil-kaz odjern tressqu diversi xhieda jixhdu fejn anke l-appellant ghalkemm kellu d-dritt illi jaghzel li ma jixhidx, xehed u ta l-verzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti liema verzjoni giet anke kkorroborata bi shih minn xi xhieda ohra mtella' mill-Prosekuzzjoni.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe' *beyond reasonable doubt*. Cio' nonostante, l-appellant ghazel li jressaq diversi xhieda in sostenn tal-verzjoni tal-fatti minnu ravvizata. Illi l-appellant jirrileva illi kien hemm kunflitt ta' provi mhux biss bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ix-xhieda mressqa mill-appellant innifsu izda sahansitra kien hemm kunflitt ta' provi qawwi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-proceddiment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his*

*favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi x-xhud kardinali tal-Prosekuzzjoni kien PC 1289 Andrei Cassar illi stqarr illi waqqaf lil Richard Frank Axiak fejn sab is-seats fuq wara u hadilhom ir-ritratti minghajr lanqas biss iccekja jekk l-istess seats kienu mwahhlin. Fil-fatt, il-Pulizija meta mistoqsi mid-difiza jekk rax li s-seats kienux imwahlin mal-Mitsubishi bil-boltijiet, huwa qal li ma jafx ghax ma harisx ghal gol-karozza DGV 234. Illi inoltre jirrizulta illi ma kienx hemm persuni fuq wara u inoltre kif xehed l-appellant stess meta xehed bil-gurament huwa qal li s-seats kienu mahlulin u fil-fatt kien sejjer jbieghhom lil persuna ohra habib tieghu.

Illi inoltre l-appellant xehed illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni kif inhi u cioe' illi huwa ma ghamel l-ebda modifika u apparti l-fatt illi l-vettura in kwistjoni meta giet mixtrija minnu kienet diga giet ikklassifikata u rregistrata taht il-Kategorija N1 (u cioe' bhala vettura uzata ghall-garr

ta’ merkaanzija u li ghandha piz massimu ta’ mhux izjed minn 3.5 tunellati) u n-numru ta’ sedili kienu tnejn. Illi mid-dokumenti illi gew esebiti jirrizulta b’mod car u ampju illi fil-perjodu meta giet registrata l-vettura din il-vettura ma kinitx fil-pussess tal-appellant izda fil-pussess ta’ terzi u fil-fatt l-istess registrazzjoni ma saritx mill-appellanti. Illi l-appellanti jirrileva illi sahansitra lanqas m’ghand min xtraha ma nfurmah illi tali vettura kienet giet ikklassifikata u registrata bhala vettura uzata ghal garr ta’ merkanzija u mhux vettura uzata ghall-gar ta’ passigieri.

Illi ghalhekk l-appellant jirrileva li fir-rigward tal-ewwel imputazzoni l-appellant m’ghamel xejn min dak imputat lilu stante illi huwa xtara l-vettura kif giet importata minghajr ma ghamel l-ebda modifika jew haga ohra u inoltre l-istess vettura kienet diga giet ikklassifikata u registrata minghand min xtraha precedentament.

Illi rigward it-tielet imputazzjoni din lanqas tirrizulta peress illi fl-ewwel lok l-appellant kif anke xehed bil-gurament tieghu m’ghamel l-ebda tibdil fil-vettura u ghalhekk ma zied l-ebda seats fil-vettura tieghu. Illi inoltre mir-ritratti ezebiti ma jirrizultax illi gew mizjuda xi seats fil-vettura tal-appellant stante illi mhemmx ic-certezza morali oltre d-dubju dettatt mir-raguni illi tali seats kienu fil-verita' mwahhla stante li anke kif xehed l-appellant stess dawn is-seats kienu fil-vettura biss b’mod temporanju stante illi kien se jbieghhom lill-habib tieghu. Illi din hija kkorobata mill-fatt illi l-istess Ufficjal tal-Pulizija li waqqaf lill-appellant ma ccekjax jekk l-istess seats kienux imwahhla izda ha biss ir-ritratti u ghalhekk il-Qorti kulma ghandha quddiemha huma ritratti ta’ dawn is-seats minghajr mal-Ufficjal tal-Pulizija kkonferma u iccekja jekk is-seats kienux imwahhla. Illi fil-fatt l-appellant jirrileva illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova illi s-seats ikunu mwahhlin b’mod permanenti **ghas sigurta` tal-passiggieri** u mhux bizzejjed li jintwera permezz ta’ ritratti illi kien hemm seats fil-vettura.

**Illi inoltre l-appellant jirrileva illi fid-dawl ta’ kollu huwa kellu jigi liberat ukoll mit-tieni, mir-raba’ u mis-seba` imputazzjoni** illi huma lkoll relatati ma xulxin stante li lkoll jirrigwardaw il-fatt illi l-appellant bil-hsieb li jevadi t-taxxa ta’ registrazzjoni naqas milli jinforma lill-Awtorita u naqas milli jaghmel dawk il-modifiki neccessarji sabiex ikun konformi mar-regolamenti. Illi dawn l-imputazzjonijiet u il-ligi rilevanti huma cari u lkoll jaghmlu

referenza ghall-fatt illi tali imputazzjonijiet jigu ppruvati **<u>biss jekk l-element intenzjonali u cioe' il-hsieb li tevadi t-taxxa ta' registrazzjoni jigi ppruvat.</u>**

L-appellant jirrileva illi qabel l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tezamina dawn l-imputazzjonijiet hija kellha tidhol f'dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali ai termini tal-akkuzi addebitati lilu.

Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b'mod précis fil-maxim legali "actus non facit reum nisi mens sit rea". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b'mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola d-drittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali.

Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzjoni doluza o meno tal-appellant f'dak li ghamel jew naqas li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b'mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f'ghemilu u ghalhekk l-intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m'hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabilita kriminuza. L-intenzjoni b'mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

Holmes fil-ktieb tieghu Common Law a fol. 53 jirrileva li:
*"intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire."*

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f'mohh l-agent u li bih gie realizzat l-att. B'mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja. Huwa car fil-ligi penali li l-kelma 'intenzjoni' hija uzata f'sens usa u fil-fatt Carrara jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus "as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law".

Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju 'ignoratia iuris neminam excusat' izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.
Kif jghid l-awtur Ingliz Kenny a fol. 39 tal-ktieb tieghu intitolat Criminal Law –

*"in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal."*
Dan l-element jirrikjedi:
*1. "the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*
*2. knowledge - that what the offender is doing is wrong;*
*3. foresight of such circumstance".*
Antolisei fil-ktieb tieghu - Manuale di diritto penale - 1975 edition (fol 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:-
*a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*
*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Illi l-appellant jirrileva izda illi fil-kaz odjern jehtieg mhux biss l-element intenzjonali b'mod generali izda tinhtieg l-intenzjoni specifika illi sabiex tikkommetti r-reati in kwistjoni wiehed ikun irid ikollu l-hsieb li jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovuta.

Illi kif xehed l-appellant stess huwa xtara vettura illi kienet diga giet importata, ikklassifikata u registrata hawn Malta u ghalhekk zgur illi ma kellux partecipazzjoni fir-reati addebitati lilu bil-hsieb li jevadi t-taxxa ghax lanqas hu nnifsu ma rregistra tali vettura izda kien it-terza persuna minghand min xtraha illi kien irregistraha tali vettura. Illi l-appellant jirrileva illi huwa xtara il-

vettura in kwistjoni u zamm il-vettura kif kienet meta xtraha minghajr ma ghamel l-ebda modifiki u/jew tibdil fiha u allura kif setghet l-Ewwel Onorabbli Qorti ssibu hati ta' dawn l-akkuzi meta lanqas biss biddel jew irregistra hu nnifsu l-vettura ahseb u ara kemm kellu l-hsieb illi jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu l-appellant umilment jirrileva illi huwa ghandu jigi liberat mill-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu.

**B. Piena Erogata**

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' multa ta' tmien telef u sitt ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8006.88) meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

Illi jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti meta giet biex tikkomputa l-multa ta' tmien telef u sitt ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8006.88) ikkalkolat tali multa minn meta giet importata l-vettura hawn Malta. Fil-fatt, skont ix-xhieda ta' Brian Farrugia mid-Dirretorat ghat-Trasport Malta, fis-sena elfejn u erbatax (2014) il-vettura mertu tal-kawza odjerna kienet giet ikklassifikata u rregistrata that il-Kategorija NI (vettura uzata ghall-garr ta' merkanzija) u li n-numru ta' sedili kienu tnejn fejn l-ammont ta' taxxa tar-registrazzjoni illi kien thallas kien jammonta ghal tlett elef u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu.

Illi ghalhekk u dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju jekk din l-Onorabbli Qorti ssib htija fl-appellant hija ghandha timmulta lill-appellant mid-data illi giet fil-pussess tieghu u mhux tikkomputa l-multa dovuta lill-Awtorita' mid-data meta din il-vettura giet irregistrata ghax b'hekk l-appellant jispicca jhallas ammonti illi mhumiex dovuti stante illi l-vettura ma kinitx fil-pussess tieghu izda ta haddiehor. Illi dan ifisser illi jekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkomputa t-taxxa tar-registrazzjoni dovuta minhabba l-bdil fir-registrazzjoni hija ghandha tikkunsidra l-perjodu biss meta l-vettura in kwistjoni kienet fil-pusses tal-appellant u mhux perjodi ohra.

Illi ghalhekk il-piena ta' multa fl-ammont tmien telef u sitt ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8006.88) kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tnaqqas il-multa nflitta fuqu u dan fid-dawl tal-fatt illi l-kalkolu tal-multa sar b'mod zbaljat u bi pregudizzju ghall-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u Sittax (2016), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti inferjuri kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik

preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-appellat instab ħati. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 21(3) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal kull buon fini l-esponent jirrileva li dan l-appell huwa limitat dwar il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija, u liberazzjoni fl-akkużi kif dedotti, madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal piena li ma taqax taħt il-parametri previsti mil-liġi. Infatti fost l-akkużi dedotti kontra tiegħu, l-appellat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni numru tnejn (2) u cioe' li bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew tajt avviż bħal dak jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorita għall-għanijiet ta' dan l-Att, tgħarif li kien jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali bi ksur ta' l-artikolu 21(1)(a)(b) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola hekk:

***21.*** *(1) Kull min-*

*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*(b) bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew lartikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jagħti f'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-Att tagħrif li jkun jaf*
*li ma jkunx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali; jew*

*ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) Meta wieħed jinstab ħati ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1)(a) jew (b), il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita fis-subartikolu msemmi, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat*[1].

Illi mid-diċitura ta' dawn l-artikoli hawn kwotati l-piena preskritta mil-Liġi għall dan ir-reat hija ta' multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien[2], *di piu* meta persuna tinstab ħatja taħt l-artikolu 21(1)(a) jew (b) il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[3]. L-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 368 ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti jekk tordnax il-konfiska o meno, u għaldaqstant l-konfiska hija mandatorja.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom ***Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio***[4], Il-***Pulizija vs. Jeremy James***

---

[1] Sottolinear tal-esponent.

[2] Art. 21(1) ta' Kap 368

[3] Art. 21(2) ta' Kap 368

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

***Farrugia***[5] u ***Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[6]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[7] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.****"*[8]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u billi ma saritx it-traskrizzjoni tax-xiehda li offrew id-depozizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti kellha terga tisma' mill-gdid il-provi prodotti.

---

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[7] Sottolinear tal-esponent.

[8] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant fit-28 ta' Frar, 2016 kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Shogun bin-numru tar-registrazzjoni DGV 234. Din kienet registrata bhala vettura kummercjali u waqt l-ispezzjoni rrizulta li kienet maghmra b'aktar minn zewg sedili.

Illi din il-vettura kienet giet impurtata f'Malta bhal vettura kummercjali fis-sena 2014 u it-taxxi kollha dovuti gew imhallsa fid-data ta' l-importazzjoni.

Illi l-prosekuzjoni ma resqet ebda prova li l-appellant kien jaf li din il-vettura ma kinitx registrata skont il-ligi. Ix-xjenza tal-appellant hi necessarja biex tigi radikata r-esponsabilita' tieghu ghall-evazjoni tat-taxxa dovuta skont l-artikolu 21(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali appella mil-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-vettura in kwistjoni. Il-fatt li l-appellant ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dwar l-evazjoni ta' taxxa jgib il-konsegwenza li l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstabx hati tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta' Richard Frank Axiak. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u is-seba' (7) akkuza migjuba kontra tieghu u tehles lill-appellant minn kull htija u piena. Tichad l-appell tal-Avukat Generali.